**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0041/2024**

19.2.2024

# RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (2023/2052(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Nathalie Loiseau



*Magħquda fid-diversità*

PR_INI_RecommCFSP

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........................4

NOTA SPJEGATTIVA ..........................15

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........................16

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........................17

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......18

## ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja**
**(2023/2052(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-adeżjoni tas-Sirja bħala Stat Membru mal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta’ Armi Kimiċi fl-14 ta’ Ottubru 2013,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta’ Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom ratifikata mis-Sirja fl-14 ta’ Diċembru 2013,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2170 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif adottata fil-15 ta’ Awwissu 2014 u r-Riżoluzzjoni 2254 kif adottata fit-18 ta’ Diċembru 2015,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2533 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU kif adottata fil-11 ta’ Lulju 2020 u r-Riżoluzzjoni 2504 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU kif adottata fl-10 ta’ Jannar 2020, li t-tnejn li huma jittrattaw il-punti ta’ qsim tal-fruntieri ta’ Bab al-Salam u Bab al-Hawa u l-forniment tal-għajnuna umanitarja,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2664 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU kif adottata fid-9 ta’ Diċembru 2022,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2672 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU kif adottata fid-9 ta’ Jannar 2023,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 77/301 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tad-29 ta’ Ġunju 2023, li tistabbilixxi Istituzzjoni Indipendenti dwar Persuni Neqsin fir-Repubblika Għarbija Sirjana,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta’ Inkjesta tan-NU dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana tal-21 ta’ Jannar 2021 għas-46 sessjoni regolari tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta’ Inkjesta tan-NU dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana tal-14 ta’ Awwissu 2023 għall-54 sessjoni regolari tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra d-digriet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) tas-16 ta’ Novembru 2023 dwar it-talba għall-indikazzjoni ta’ miżuri provviżorji għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra (*Il-Kanada u n-Netherlands vs Ir-Repubblika Għarbija Sirjana*),

– wara li kkunsidra d-digriet tal-Qorti Ġudizzjarja ta’ Pariġi (TJP) tal-14 ta’ Novembru 2023 li ħarġet mandat ta’ arrest internazzjonali kontra l-President Sirjan Bashar Al-

Assad, Maher Al-Assad, Ghassan Abbas u Bassam Al-Hassan,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2023/1035 tal-25 ta' Mejju 2023[1], li testendi s-sanzjonijiet tal-UE sal-1 ta' Ġunju 2024,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 118 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0041/2024),

A. billi l-proċessi ta' Ġinevra u ta' Astana ma rnexxilhomx itemmu l-kunflitt u jistabbilixxu korp governattiv tranżizzjonali inklużiv, minħabba r-rifjut kontinwu tar-reġim Sirjan li jinnegozja serjament soluzzjoni politika kredibbli mal-oppożizzjoni; billi r-reġim Sirjan uża involviment selettiv f'taħditiet internazzjonali bħala tattika ta' dewmien biex jannulla r-riżultati tat-taħditiet internazzjonali, u b'hekk tawwal it-tbatija tal-poplu Sirjan;

B. billi mill-2011 mietu nofs miljun Sirjan u 14-il miljun ġew spostati b'mod furzat minħabba azzjoni vjolenti minn gruppi armati u terroristiċi, iżda prinċipalment bħala riżultat tar-repressjoni ħarxa u l-inġinerija demografika mir-reġim Sirjan bl-għajnuna tal-alleati tiegħu kontra l-poplu tiegħu stess; billi din ir-repressjoni inkludiet l-użu ripetut ta' armi kimiċi, munizzjon dispersiv, bombi inċendjarji, bombi f'forma ta' kanna, missili u bumbardamenti konvenzjonali mill-ajru fuq iċ-ċivili; billi eluf ta' ċivili nqatlu b'riżultat ta' mijiet ta' attakki kimiċi mwettqa mir-reġim Sirjan, inkluż l-attakk ta' sarin f'Ghouta tal-Lvant f'Awwissu 2013; billi mill-inqas 150 000 Sirjan huma neqsin fis-sistema ta' detenzjoni arbitrarja tal-massa tar-reġim, li minnhom mhux inqas minn 112 713 sparixxew b'mod furzat, bi mwiet frekwenti meta kienu f'kustodja u eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji; billi l-familji għadhom ma ġewx infurmati dwar id-destin tal-maħbubin tagħhom; billi bħalissa din hija l-akbar kriżi ta' spostament fid-dinja; billi l-kriżi ħalliet madwar 15,3-il miljun persuna fis-Sirja fi bżonn ta' għajnuna umanitarja u protezzjoni; billi madwar 8,8 miljun persuna ġew affettwati aktar mit-terremoti ta' Frar 2023, u dan kompla jaggrava l-isfidi umanitarji li kienu jeżistu qabel fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien tagħha; billi, skont ir-rapporti tan-NU, 90 % tal-popolazzjoni Sirjana tgħix fil-faqar u hija nieqsa minn oġġetti bażiċi; billi d-digriet tal-QIĠ ordna lis-Sirja biex tieħu l-miżuri kollha fis-setgħa tagħha biex tipprevjeni atti ta' tortura u abbużi oħra, wara li kkunsidra diversi rapporti mill-Kummissjoni Internazzjonali ta' Inkjesta tan-NU dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana, li kkonkludew li kien hemm "raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-Gvern [Sirjan] kompla jwettaq atti ta' tortura u trattament ħażin"; billi s-Sirja tinsab fil-175 post minn 180 fl-indiċi tal-libertà tal-istampa ta' Reporters mingħajr fruntieri; billi mill-2011 inqatlu mill-inqas 300 ġurnalist professjonali u mhux professjonali; billi minkejja r-repressjoni ħarxa tal-poplu tiegħu mir-reġim Sirjan, is-Sirjani għadhom jorganizzaw protesti paċifiċi kontra l-gvern, b'mod partikolari dawk fil-provinċja Sirjana tal-maġġoranza ta' Druze ta' Soueïda li bdew f'Awwissu 2023 u attiraw eluf ta' dimostraturi, b'mod partikolari nisa, minn madwar il-provinċja għal diversi ġimgħat; billi d-dimostrazzjonijiet kienu qed jappellaw għal drittijiet politiċi, ċivili u tal-bniedem għas-Sirjani kollha;

C. billi l-atturi barranin awtoritarjani, inklużi r-Russja u l-Iran u l-forzi bi prokura tagħhom – il-milizzja ta' Wagner u l-Hezbollah Libaniż – il-milizzji Iraqini u l-merċenarji Afgani,

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1035 tal-25 ta' Mejju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, ĠU L 139, 26.5.2023, p. 49.

kif ukoll il-forza bi prokura Sirjani lokali, ilu jkollhom rwol distruttiv fil-pajjiż mill-2011; billi s-Sirja sservi bħala bażi ta' prova għar-Russja, li fiha tipprattika u turi l-kapaċitajiet militari tagħha, it-tattiċi, il-firxa loġistika kif ukoll il-kapaċità tagħha ta' intervent militari barrani biex jiġi salvat reġim alleat assedjat; billi r-reġim Sirjan ma jikkontrollax it-territorju nazzjonali kollu u jista' jibqa' fil-poter biss bil-brutalità u bl-appoġġ ta' dawn l-atturi barranin; billi kemm ir-Russja kif ukoll l-Iran għadhom fornituri ewlenin ta' tagħmir militari għar-reġim;

D. billi għaddejjin diversi investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' delitti serji mwettqa fis-Sirja bbażati fuq il-prinċipju ta' ġuriżdizzjoni universali, li jagħti xi tama fil-ġlieda għall-ġustizzja u għall-obbligu ta' rendikont għal atti ta' tortura, delitti kontra l-umanità jew delitti tal-gwerra fis-Sirja; billi Franza ħarġet mandat ta' arrest internazzjonali għad-dittatur Sirjan Bashar Al-Assad, ħuh Maher Al-Assad, li huwa l-kap *de facto* ta' unità militari tal-elit Sirjana, u żewġ ġenerali tal-forzi armati akkużati b'kompliċità f'delitti kontra l-umanità fir-rigward tal-attakki b'armi kimiċi fl-2013; billi biex jiġu pprevenuti sanzjonijiet possibbli u intervent militari, ir-Russja u ċ-Ċina rrifjutaw riżoluzzjonijiet dwar is-Sirja sponsorjati mill-pajjiżi tal-Punent u dawk Għarab fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u b'hekk jipproteġu lir-reġim Sirjan mill-obbligu ta' rendikont għad-delitti tal-gwerra tiegħu;

E. billi r-reġim Sirjan appoġġja l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna u rrikonoxxa r-reġjuni okkupati ta' Luhansk u Donetsk fil-Lvant tal-Ukrajna; billi r-Russja ssostni li mill-2015 bagħtet aktar minn 63 000 membru tal-persunal Russu, inklużi forzi speċjali, konsulenti militari, persunal tal-forza tal-ajru u kuntratturi militari privati bħall-Grupp Wagner, biex tappoġġja u tipproteġi r-reġim ta' Assad milli jaqa'; billi r-Russja konsistentement wettqet delitti tal-gwerra fis-Sirja, inkluż il-bumbardament ta' faċilitajiet mediċi u żoni ċivili u l-użu ta' armi indiskriminati; billi l-impronta militari tar-Russja fil-pajjiż tikkonsisti f'żewġ bażijiet ewlenin: il-Bażi tal-Ajru ta' Hmeimim u bażi navali f'Tartus, u aktar minn 100 sit militari iżgħar madwar il-pajjiż kollu; billi r-Russja hija l-akbar fornitur ta' armi għar-reġim ta' Assad bil-bejgħ li jilħaq biljuni ta' euro;

F. billi l-Hezbollah ipprova jirċievi armi Iranjani mit-territorju Sirjan; billi Iżrael wettaq attakki ripetuti mill-ajru biex jipprevjeni tali trasferimenti tal-armi, inkluż fuq l-ajruporti ta' Damasku u Aleppo f'Ottubru 2023 wara l-attakki terroristiċi tas-7 ta' Ottubru kontra ċivili Iżraeljani mill-Ħamas; billi l-kunflitt bejn Iżrael u l-Ħamas, ikkawżat mill-attakki terroristiċi mwettqa mill-Ħamas kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, ikkawża ċiklu mġedded ta' vjolenza fir-reġjun; billi s-Sirja jeħtiġilha tastjeni minn kwalunkwe involviment militari fil-gwerra fl-Istrixxa ta' Gaża; billi l-allegati attakki minn Iżrael f'Aleppo u f'Damasku wasslu għal waqfien temporanju tas-Servizz Umanitarju mill-Ajru tan-NU; billi, mill-attakk krudili tal-Ħamas kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, il-milizzji appoġġjati mill-Iran fis-Sirja żiedu l-isparar ta' droni u ta' rokits kontra Iżrael u l-forzi tal-Istati Uniti u dawk internazzjonali fil-Grigal tas-Sirja; billi l-ajruporti Sirjani ntużaw mill-Iran biex jiġu ttrasportati armi mill-Iran u mill-Iraq lejn is-Sirja u l-Hezbollah fil-Libanu, kif ukoll biex jgħinu lill-Iran jipprovdi armi lill-Ħamas; billi r-reġim qatel eluf ta' Palestinjani Sirjani u rifuġjati Sirjani;

G. billi t-Turkija, li tokkupa t-territorji fit-Tramuntana tas-Sirja, tinvolvi ruħha regolarment f'operazzjonijiet militari fuq skala kbira fit-territorju Sirjan kemm direttament kif ukoll permezz ta' forzi bi prokura, billi b'mod partikolari timmira żoni okkupati mill-Kurdi;

billi l-interventi militari unilaterali tat-Turkija fil-Grigal tas-Sirja jikkostitwixxu ksur tad-dritt internazzjonali; billi, f'Ottubru 2023, il-Parlament Tork ivvota biex jestendi l-mandat li jippermetti operazzjonijiet militari fis-Sirja għal sentejn oħra; billi t-Turkija għandha ttemm l-okkupazzjoni illegali tagħha fit-Tramuntana tas-Sirja u tirtira l-forzi militari u paramilitari irregolari tagħha;

H. billi l-Istat Iżlamiku fl-Iraq u s-Sirja (ISIS) wettaq abbużi serji u sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt internazzjonali, inkluż delitti kontra l-umanità u ġenoċidju, fit-territorji temporanjament taħt il-kontroll tiegħu qabel l-intervent mill-koalizzjoni internazzjonali; billi fl-2014 ġiet stabbilita l-formazzjoni ta' koalizzjoni internazzjonali wiesgħa biex jingħeleb l-ISIS, li kienet tikkonsisti minn 86 membru ta' koalizzjoni, li ntrabtu bl-għanijiet li jipprovdu appoġġ militari lis-sħab, jimpedixxu l-fluss ta' ġellieda barranin, iwaqqfu l-finanzjament tal-ISIS, jindirizzaw il-kriżijiet umanitarji fir-reġjun u jesponu n-natura vera tal-movimenti tal-ġiħadisti;

I. billi l-assi ta' 289 individwu u 70 entità involuti direttament fir-repressjoni tal-poplu Sirjan huma soġġetti għal sanzjonijiet tal-UE; billi bħala riżultat tas-sitwazzjoni kontinwa ta' mblukkar tar-Russja mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), għad fadal punt ta' qsim wieħed biss bejn it-Turkija u ż-żoni mhux ikkontrollati mir-reġim għat-twassil ta' għajnuna umanitarja internazzjonali fis-Sirja; billi mill-2014, il-punt ta' qsim ta' Bab-al Hawa ntuża għat-twassil ta' għajnuna transfruntiera mit-Turkija lejn is-Sirja bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; billi r-Russja spiss fixklet it-tiġdid ta' din l-awtorizzazzjoni fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u fl-aħħar mill-aħħar irrifjutat l-awtorizzazzjoni għall-kuritur tal-għajnuna f'Lulju 2023, għal liema raġuni Bab-al Hawa baqa' magħluq; billi f'Settembru 2023, bħala riżultat tan-negozjati bejn l-aġenziji tan-NU, ir-reġim Sirjan, u Hay'et Tahrir al-Sham, il-grupp armat dominanti f'Idlib, kompla t-twassil ta' għajnuna umanitarja permezz ta' Bab al-Hawa u l-kurituri tal-għajnuna Bab al-Salam u l-qsim tal-fruntiera Al-Rai, li r-reġim Sirjan qabel li jiftaħhom wara t-terremot devastanti fi Frar 2023, ġew estiżi għal tliet xhur oħra; billi l-kundizzjonijiet li taħthom ir-reġim Sirjan u Hay'et Tahrir al-Sham taw awtorizzazzjoni lin-NU biex terġa' tibda t-twassil ta' għajnuna umanitarja permezz tat-tliet punti ta' qsim tal-fruntieri mhumiex magħrufa; billi esperti tal-liġi umanitarja internazzjonali rinomati għandhom dubji dwar jekk l-għajnuna trasnfruntiera min-NU tirrikjedix awtorizzazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

J. billi diversi pajjiżi fir-reġjun bdew jinnormalizzaw ir-relazzjonijiet tagħhom mar-reġim Sirjan, li wassal għar-riintegrazzjoni tas-Sirja fil-Lega Għarbija kif deċiż mill-ministri barranin tal-Lega fis-7 ta' Mejju 2023, fil-Kajr, minkejja r-rekord tas-Sirja ta' delitti internazzjonali serji u mingħajr ebda indikazzjoni li l-prattiki abbużivi tagħha waqfu; billi l-gruppi ta' ħidma tal-Lega Għarbija ilhom sospiżi minn Settembru 2023 minħabba l-fatt li r-reġim Sirjan ma rrispettax l-impenji tiegħu, inkluż li jillimita t-traffikar tad-droga, jaġevola r-ritorn sikur tar-rifuġjati, jirrilaxxa priġunieri politiċi u jippermetti l-għajnuna umanitarja lejn iż-żoni kollha; billi l-laqgħat bejn il-Lega Għarbija u r-rappreżentanti tar-reġim Sirjan sadanittant ġew sospiżi; billi ma ttieħdet l-ebda azzjoni mill-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-kunflitt Sirjan – 10 snin wara r-rewwixta[2] biex jiġi żgurat li l-persuni li jkun suspettat li huma kriminali tal-gwerra ma jkunux jistgħu jingħataw ażil fi Stat Membru tal-UE, speċjalment meta Stati Membri oħra

[2] ĠU C 474, 24.11.2021, p. 130.

tal-UE jkunu diġà rrifjutaw l-applikazzjoni tagħhom għall-ażil;

K. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha, mill-2011, huma l-akbar donatur għan-nies affettwati mill-kunflitt, billi kkontribwew EUR 30 biljun; billi l-għajnuna Ewropea mwiegħda fil-Konferenza ta' Brussell f'Ġunju 2023 tammonta għal EUR 3,8 biljun minn total ta' EUR 5,6 biljun; billi l-UE u l-Istati Membri pprovdew assistenza ta' emerġenza matul it-terremot li laqat lis-Sirja u, fit-23 ta' Frar 2023, l-Unjoni ddeċidiet dwar eżenzjoni umanitarja temporanja mis-sanzjonijiet biex jiġi ffaċilitat it-twassil ta' għajnuna lill-vittmi; billi n-NU jwissu li 90 % tal-popolazzjoni Sirjana qed jgħixu taħt il-linja tal-faqar, u li bosta Sirjani issa qed jgħixu b'diffikultà f'kundizzjonijiet li huma saħansitra agħar minn dawk ta' matul is-snin tal-kunflitt; billi l-Programm Dinji tal-Ikel jistma li 12,4-il miljun Sirjan qed ibatu minn insigurtà tal-ikel, li jirrappreżenta kważi 60 % tal-popolazzjoni; billi r-responsabbiltà għas-sitwazzjoni severa attwali hija prinċipalment tar-reġim ta' Assad;

L. billi r-reġim mhuwiex jindirizza biżżejjed il-ħtiġijiet bażiċi tal-poplu Sirjan, is-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiż hija tassew prekarja u s-Sirja saret narkostat, u dan ikompli jiddestabbilizza r-reġjun; billi l-prattikanti umanitarji u dawk li jappoġġjaw il-kawża umanitarja qed ikomplu jqajmu tħassib dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tal-persuni rimpatrijati u tal-individwi spostati fid-dawl tal-kundizzjonijiet f'ħafna żoni tal-pajjiż, u jqajmu dubji dwar l-approċċ tar-Reġim Sirjan fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni politika; billi dan ifixkel il-progress soċjali u ekonomiku tas-Sirja, kif ukoll jimblokka l-perkors tagħha biex toħroġ mill-kriżi;

M. billi skont rapport miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) u mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Pulizija Kriminali (BKA) minn Settembru 2023, l-Ewropa hija punt ewlieni ta' trażbord għal Captagon (fenetillina) li tasal mil-Lvant Nofsani, prinċipalment mis-Sirja u mil-Libanu, li tkun destinata lejn il-Peniżola Għarbija; billi l-pajjiżi fir-reġjun ipprojbew l-importazzjoni ta' frott u ħxejjex mil-Libanu fi sforz biex irażżnu l-kuntrabandu tad-droga ta' Captagon; billi l-Ewropa saret kemm destinazzjoni kif ukoll ċentru popolari ta' tranżitu għal Captagon, u skont iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, mill-2018, ġew ikkonfiskati aktar minn miljun pillola u kważi elfejn kilogramma ta' Captagon fl-Ewropa; billi f'April 2023, l-UE ssanzjonat 25 individwu u tmien entitajiet fis-Sirja minħabba l-involviment tagħhom fit-traffikar tan-narkotiċi;

N. billi l-qerda u n-negliġenza tar-reġim Sirjan tas-sorsi tal-ilma u tas-sistema tal-kura tas-saħħa wasslu f'Awwissu 2022 għat-tifqigħa ta' epidemija tal-kolera mifruxa mal-pajjiż kollu li għadha għaddejja; billi l-edukazzjoni pubblika tinsab taħt pressjoni fis-Sirja u fil-pajjiżi li jospitaw ir-rifuġjati Sirjani, b'madwar nofs il-popolazzjoni tas-Sirja li għadha fl-età tal-iskola (kważi 2,4 miljun student) li ma tirċievi l-ebda forma ta' edukazzjoni, u dan iwassal biex bosta tfal ibatu mill-impatti psikosoċjali ta' kunflitt u spostament estiżi; billi skont il-UNESCO madwar nofs iż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u l-24 sena biss fis-Sirja jissodisfaw il-livelli minimi mistennija ta' kompetenza fil-litteriżmu, in-numeriżmu u l-ħiliet għall-ħajja;

O. billi skont l-Aġenzija tan-NU għar-Rifuġjati (UNHCR), il-biċċa l-kbira tar-rifuġjati Sirjani jixtiequ jirritornaw fis-Sirja iżda għandhom tħassib leġittimu dwar is-sigurtà; billi dan ifisser li għas-sitwazzjoni attwali, ir-risistemazzjoni u l-perkorsi komplementari

għadhom l-aktar soluzzjoni dejjiema vijabbli għar-rifuġjati Sirjani; billi l-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana, fl-aktar rapport reċenti tagħha ta' Settembru 2023, sabet li n-nuqqas ta' sigurtà baqa' ferm komuni lil hinn miż-żoni ta' kunflitt, li jagħmel ir-ritorn sikur tar-rifuġjati Sirjani implawżibbli u kkonkludiet ukoll li kienet iddokumentat każijiet speċifiċi li fihom rifuġjati Sirjani li kienu qed jirritornaw minn pajjiżi ġirien ġew ittrattati ħażin mill-forzi tas-sigurtà Sirjani;

1. Jirrakkomanda lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex, fil-politika tagħhom dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja:

***Proċess politiku***

(a) jaffermaw l-appoġġ tal-UE għall-aspirazzjonijiet demokratiċi Sirjani li jippersistu fil-pajjiż, minkejja repressjoni totali mir-reġim sa mill-protesti paċifiċi fl-2011, b'assistenza militari u finanzjarja deċiżiva mill-Iran u r-Russja sabiex il-klann ta' Assad jibqa' fil-poter; jiddenunzjaw l-għoti ta' kuntratti mir-reġim li jippermettu lir-Russja u lill-Iran jaċċessaw ir-riżorsi tal-pajjiż għad-detriment tal-poplu Sirjan;

(b) jisħqu fuq ir-responsabbiltà personali tar-reġim, mingħajr ma jimminaw ir-rwol li għandu l-ISIS u gruppi armati u terroristiċi oħra, għall-mewt ta' nofs miljun persuna ċivili, għall-qerda tal-pajjiż, għall-ispostament tal-maġġoranza tal-popolazzjoni, għat-tortura u għall-għajbien furzat ta' inqas minn 112 173-il persuna[3] fis-sistema ta' detenzjoni arbitrarja tal-massa, l-użu ta' armi kimiċi kontra l-persuni ċivili u t-tkissir sistematiku ta' kwalunkwe oppożizzjoni demokratika u paċifika;

(c) jopponu kwalunkwe normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mar-reġim ta' Assad sakemm ma jkunx hemm żviluppi profondi u li jistgħu jiġu vverifikati fl-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 2254 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluż il-ħelsien ta' priġunieri politiċi, l-għoti ta' informazzjoni lill-familji tal-vittmi dwar id-destin tal-persuni neqsin u l-vittmi ta' għajbien furzat, u l-waqfien ta' kwalunkwe attakk fuq l-għajnuna umanitarja jew l-ostakli għaliha; jistiednu lill-Istati Membri tal-UE jżommu lura minn miżuri li jdgħajfu jew jimminaw il-pożizzjoni komuni tal-UE dwar is-Sirja; jisħqu li minkejja d-deċiżjoni sovrana ta' xi stati Għarab li jintegraw lis-Sirja fil-Lega Għarbija, ir-reġim Sirjan ma wera ebda indikazzjoni li jixtieq jiġġieled it-traffikar tad-droga, problema li toriġina fis-Sirja iżda li taffettwa r-reġjun kollu; jikkundannaw il-ħakma tal-familja Assad u l-alleati tagħha, inkluż il-Hezbollah, tas-suq għad-droga Captagon, li għandu valur stmat ta' USD 57 biljun; jinnutaw li ħu Bashar Al-Assad, Maher Al-Assad, jikkmanda l-unità tal-armata responsabbli għall-aġevolar tal-produzzjoni tad-droga; jappoġġjaw rispons tas-sigurtà koordinat tal-UE biex jipprevjeni li l-UE tintuża bħala żona ta' trażbord għal Captagon prodotta fis-Sirja u fil-Libanu;

(d) jisħqu li r-repressjoni, in-negliġenza u l-korruzzjoni min-naħa tar-reġim huma

[3] In-Network Sirjan għad-Drittijiet tal-Bniedem, *12th Annual Report on Enforced Disappearance in Syria on the International Day of the Disappeared: Enforced Disappearance is an Ongoing Crime in Syria,* (It-Tnax-il Rapport Annwali dwar l-Għajbien Furzat fis-Sirja fil-Jum Internazzjonali tal-Għajbien: L-Għajbien Furzat huwa Delitt li Għadu Għaddej fis-Sirja) 30 ta' Awwissu 2023.

responsabbli għas-sitwazzjoni ekonomika gravi; ifakkru li s-sanzjonijiet tal-UE jimmiraw biss individwi u entitajiet involuti fir-repressjoni; jindirizzaw il-kwistjoni ta' konformità żejda mill-aspett finanzjarju li tista' tipprevjeni lill-gruppi ta' għajnuna milli jittrasferixxu fondi fil-pajjiż u milli jmexxu programmi jew iħallsu lil persunal u lil fornituri lokali, anke meta t-tranżazzjonijiet għandhom jappoġġjaw attivitajiet eżentati mis-sanzjonijiet; jissottolinjaw, madankollu, li l-miżuri restrittivi tal-UE jeħtieġ li jibqgħu mmirati, ikomplu jiżguraw eżenzjonijiet għall-għajnuna umanitarja, u jagħtu prijorità lit-twassil ta' għajnuna umanitarja fil-livell lokali;

(e) jagħtu malajr eżenzjonijiet robusti, estensivi u ċari lill-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali fdati; jarmonizzaw kemm jista' jkun l-interpretazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament dwar miżuri restrittivi fis-Sirja u japplikaw għaliha r-Riżoluzzjoni 2664 (2022) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar l-għajnuna umanitarja;

(f) jilqgħu l-kuraġġ tad-dimostranti fil-bliet ta' Souweïda u Deraa li reġgħu qamu b'mod paċifiku kontra r-reġim ta' Assad minn Awwissu 2023; jikkonsultaw u jipprovdu appoġġ fit-tul, flessibbli u ewlieni lin-networks tas-soċjetà ċivili Sirjana fl-Ewropa u fis-Sirja li jħaddnu l-istess valuri demokratiċi u jagħmlu ħilithom biex jipproteġu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti fir-reġjun; jikkundannaw bil-qawwa kull forma ta' diskriminazzjoni reliġjuża u jinsistu fuq ir-rispett minn kulħadd għad-drittijiet tal-gruppi etniċi u reliġjużi u tal-minoranzi fis-Sirja, inklużi l-Insara, id-Druze, il-Kurdi, l-Alawiti u l-minoranzi l-oħra kollha; jikkundannaw bil-qawwa l-propaganda antisemitika u ċ-ċaħda tad-dritt ta' Iżrael li jeżisti, karatteristika ewlenija tal-messaġġi ġenerali tal-familja ta' Bashar Al-Assad; jiżguraw li l-edukazzjoni u l-materjali edukattivi jkunu f'konformità ma' dawn il-prinċipji; jappellaw lil kull min ġie spostat, biex ikompli jgħix jew jirritorna fl-artijiet storiċi u tradizzjonali tiegħu b'dinjità, b'ugwaljanza u b'sikurezza, u biex ikun jista' jeżerċita liberament ir-reliġjon u t-twemmin tiegħu mingħajr ma jkun soġġett għal xi tip ta' koerċizzjoni, vjolenza jew diskriminazzjoni; jappoġġjaw id-djalogu interreliġjuż;

***Sigurtà***

(g) jiddeploraw il-preżenza kontinwa fit-territorju Sirjan ta' mijiet ta' bażijiet Iranjani, Torok u Russi u milizzji Iranjani u Russi; jesprimu tħassib dwar l-isfruttament ekonomiku tal-pajjiż minn setgħat barranin predatorji; jikkundannaw l-attakki mill-forzi Torok u l-okkupazzjoni tagħhom tat-territorji Sirjani fit-Tramuntana kif ukoll il-kampanja militari krudili mġedda mill-gvern Sirjan u mir-Russja fil-Majjistral tas-Sirja, inkluż fuq miri ċivili; jesprimu t-tħassib profond tagħhom dwar il-persistenza tal-oppożizzjoni Iżlamista radikali fil-provinċja ta' Idlib; jappoġġjaw il-fatt li tinżamm il-koalizzjoni internazzjonali kontra l-ISIS, li għadu attiv fis-Sirja minkejja telfiet sinifikanti; jappellaw għal sforz internazzjonali determinat biex tkompli l-ġlieda tagħha kontra l-ISIS fis-Sirja sakemm dan jiġi eliminat kompletament; ifakkru li l-azzjonijiet militari unilaterali tat-Turkija jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali u xekklu l-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun kollu kemm hu; iżarmaw in-networks tal-ġiħadisti li jagħmlu kampanji fis-Sirja u fl-Iraq u jsegwu u jtellgħu l-qorti lill-membri tagħhom, li mexxew aktar minn ħamest elef ġellied barrani li kienu rradikalizzaw, irreklutaw u nġiebu mill-Ewropa; ikomplu jappoġġjaw il-Koalizzjoni Globali kontra l-ISIS f'termini ta' mezzi politiċi, finanzjarji, operattivi u loġistiċi;

(h) jisħqu fuq ir-rwol tal-Forzi Demokratiċi Sirjani fil-ġlieda kontra l-ISIS fil-Grigal tas-Sirja;

(i) iħeġġu lill-Istati Membri jkomplu r-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini tagħhom mill-kampijiet ta' priġunieri ġiħadisti ta' Al-Hol u Roj u jressquhom, fi proċessi ġusti, għal kwalunkwe delitt li jkunu wettqu; jesprimu tħassib kbir dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni umanitarja, sanitarja u tas-sigurtà fil-kampijiet fil-Grigal tas-Sirja, speċjalment il-kampijiet ta' Al-Hol u Roj, li għadhom jikkostitwixxu bażi għar-radikalizzazzjoni; jistiednu lill-Istati Membri jirripatrijaw it-tfal Ewropej kollha, billi joffrulhom appoġġ u riintegrazzjoni adegwati; jistiednu lill-Istati Membri jippromwovu fir-relazzjonijiet bilaterali u fil-korpi internazzjonali kollha r-ripatrijazzjoni tat-tfal kollha ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali;

(j) iżidu l-isforzi biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni Russa u Iranjana dwar is-Sirja, inkluż diżinformazzjoni bl-Għarbi; jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-pjattaformi online jżidu b'mod sostanzjali l-ġlieda tagħhom kontra d-diżinformazzjoni fir-reġjun, b'mod partikolari permezz tar-reklutaġġ ta' kelliema Għarab biex jikkontrollaw il-kontenut online;

(k) jikkundannaw l-illanċjar ta' rokits mill-forzi Sirjani mit-territorju Sirjan lejn Iżrael u l-Għoljiet tal-Golan okkupati minn Iżrael, u l-bgħit ta' dron mhux armat lejn it-Tramuntana ta' Iżrael; jikkundannaw it-tentattivi ripetuti mill-Hezbollah biex jirċievi armi Iranjani mit-territorju Sirjan; jikkundannaw l-attitudni permissiva tar-reġim ta' Assad fil-konfront tal-Al-Qaeda u gruppi terroristiċi oħra, speċjalment fir-rigward tal-isforzi ta' aġevolazzjoni fil-kunflitt tal-Iraq, peress li kkontribwiet għat-tkabbir tal-Al-Qaeda, tal-ISIS u ta' networks terroristiċi affiljati fis-Sirja;

(l) jissottolinjaw li Iżrael ilu mill-1967 jokkupa parti mit-territorju Sirjan fl-Għoljiet tal-Golan u li l-militar Iżraeljan għadu jniedi attakki mill-ajru u forom oħra ta' attakki fit-territorju Sirjan;

(m) jiżguraw li r-riżoluzzjonijiet, ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-UE relatati mas-Sirja jiġu tradotti għall-Għarbi;

*Ġlieda kontra l-impunità*

(n) jisħqu li l-ġlieda kontra l-impunità fis-Sirja hija prerekwiżit għal kwalunkwe riżoluzzjoni futura tal-kriżi li għaddejja, kif ukoll ħtieġa morali u politika għall-Ewropa u għall-komunità internazzjonali; jilqa' l-progress ġudizzjarju li sar mill-Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta Franko-Ġermaniża fir-rigward tal-11 000 katavru ta' vittmi ta' tortura identifikati fir-rapport César, is-sospensjoni tas-Sirja mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi; jilqgħu l-ħruġ ta' mandati ta' arrest internazzjonali kontra Bashar Al-Assad, ħuh Maher Al-Assad u żewġ ġenerali, mill-qrati Franċiżi f'Novembru 2023, għal delitti kontra l-umanità fir-rigward ta' attakki b'armi kimiċi kontra ċ-ċivili; jilqgħu d-digriet tal-QIĠ li jordna lis-Sirja tieħu l-miżuri kollha fis-setgħa tagħha biex tipprevjeni atti ta' tortura u abbużi oħra wara li n-Netherlands u l-Kanada ressqu kawża fir-rigward tal-ksur tas-Sirja tal-Konvenzjoni Internazzjonali kontra t-Tortura; jilqgħu wkoll il-progress li sar fil-Ġermanja, fi Franza u fl-Iżvezja biex il-kriminali Sirjani jitressqu

quddiem il-ġustizzja, bħal permezz tal-proċessi kriminali f'Koblenz u fi Frankfurt; iħeġġu lill-Istati Membri kollha tal-UE jimplimentaw ġuriżdizzjoni universali, meta applikabbli għall-ordni kostituzzjonali rispettiv; jappoġġjaw tentattivi biex it-tmexxija tar-reġim Sirjan titressaq quddiem il-ġustizzja; jitolbu li l-għarfien espert u l-interpreti jinġabru flimkien bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-pulizija, u biex f'kull Stat Membru jinħatar prosekutur pubbliku għad-delitti kontra l-umanità; jistiednu lill-Istati Membri tal-UE jistabbilixxu unitajiet speċjalizzati tad-delitti tal-gwerra fis-servizzi tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni, f'dawk il-każijiet meta dawn ma jkunux diġà jeżistu, u jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati; iħeġġu lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-attivitajiet tas-servizzi tal-intelligence Sirjani u lill-prevenzjoni tagħhom u lill-influwenza tagħhom fuq id-dijaspora Sirjana, inkluż il-protezzjoni tax-xhieda; jitlob li jiġu allokati boroż ta' studju Ewropej speċifikament lis-Sirjani li qed ifittxu taħriġ legali fil-qlieda kontra l-impunità;

(o) iħeġġu skambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri kollha dwar kriminali tal-gwerra li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-ażil jiġu miċħuda skont l-Artikolu 1(F) tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati; jistiednu lill-Istati Membri jistabbilixxu fond Ewropew għall-vittmi ta' ksur serju tad-dritt internazzjonali fis-Sirja, inklużi vittmi tat-tortura, billi jidentifikaw fondi eżistenti marbuta ma' ksur tad-dritt internazzjonali fis-Sirja fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom, bħal sentenzi monetarji, sanzjonijiet, multi u penali, ordnijiet ta' sekwestru, fondi ffriżati peress li huma marbuta ma' proprjetà akkwistata illegalment mir-reġim Sirjan, u dħul ieħor; jappellaw li jiġi żviluppat qafas legali li jippermetti t-trasferiment ta' tali fondi lill-familji tal-vittmi, inklużi l-vittmi tat-tortura; ifakkru li tali fondi jridu jitfasslu bir-reqqa f'kooperazzjoni sħiħa mal-familji tal-vittmi; jirrikonoxxu t-theddida li teżisti tat-traffikar illeċitu ta' oġġetti tal-arti u kulturali miżmuma mis-Sirja kemm mir-reġim ta' Assad kif ukoll mill-ISIS; iħeġġu li l-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' oġġetti kulturali jissaħħaħ flimkien mal-kooperazzjoni tal-pajjiżi terzi biex jiġi żgurat li l-oġġetti kulturali jiġu protetti, jitneħħew mis-suq illeċitu, u jiġu rritornati lill-pajjiżi ta' oriġini meta l-kundizzjonijiet jippermettu dan; jilqgħu l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tad-29 ta' Ġunju 2023 li tistabbilixxi Istituzzjoni għall-Persuni Nieqsa fis-Sirja, u l-finanzjament kontinwu tal-Mekkaniżmu Internazzjonali, Indipendenti u Imparzjali biex jappoġġja l-investigazzjoni tad-delitti l-aktar serji mwettqa fis-Sirja mill-2011; iħeġġu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jespandu l-lista tal-persuni soġġetti għal sanzjonijiet immirati fl-ambitu tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (l-hekk imsejjaħ Att ta' Magnitsky tal-UE), inkluż il-kmandanti ċivili u militari Sirjani u Russi li seta' kellhom ir-responsabbiltà ta' kmand għal delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ksur serju ieħor imwettaq fil-Majjistral tas-Sirja jew kienu implikati b'mod kredibbli fihom;

***Għajnuna umanitarja u rifuġjati***

(p) iħeġġu lill-komunità internazzjonali, fil-Konferenza ta' Brussell tal-2024, biex iżżid b'mod urġenti l-assistenza umanitarja tagħha lill-15,3-il miljun Sirjan li jiddependu minnha fuq bażi ta' kuljum; jinsistu fuq l-aċċess għal ilma nadif, inkluż l-ilma tax-xorb, l-ilma sanitarju u l-ilma għal finijiet agrikoli, l-edukazzjoni formali, anke għall-bniet u għan-nisa, il-provvista tal-enerġija, fjuwils tal-magni bi prezzijiet raġonevoli, l-edukazzjoni u l-appoġġ baġitarju fit-tul imfassal għall-ħtiġijiet tan-nisa; jiffukaw

fuq il-fatt li l-għajnuna umanitarja tiġi allokata għall-ilma nadif, l-enerġija bi prezzijiet raġonevoli, it-tisħin, il-kura tas-saħħa u l-prodotti tas-saħħa; jistiednu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi biex jappoġġjaw il-ħidma tas-soċjetà ċivili lokali u tal-organizzazzjonijiet immexxija mir-rifuġjati; jisħqu fuq l-importanza li l-aġenziji tal-għajnuna jsaħħu l-obbligu ta' rendikont għall-benefiċjarji tal-assistenza u jaġixxu fuq il-feedback u l-ħtiġijiet tagħhom, f'konformità mal-prinċipju tal-"obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-popolazzjonijiet affettwati"; jirrimarkaw li l-UE hija l-akbar kontributur f'dan ir-rigward; jilqgħu l-isforzi kontinwi tal-Libanu, tal-Ġordan, tat-Turkija u tal-Iraq biex jospitaw sitt miljun rifuġjat f'kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċli; ifakkru lil dawn il-pajjiżi bl-obbligu tagħhom li jaderixxu mad-dritt internazzjonali f'dan ir-rigward; itennu l-ħtieġa li jiġi ggarantit l-istatus tar-rifuġjati, b'mod partikolari fil-pajjiżi ospitanti ewlenin tat-Turkija, tal-Libanu, tal-Ġordan u tal-Iraq, u li joqogħdu lura minn kwalunkwe diskriminazzjoni fil-konfront tal-minoranzi; jirrikonoxxu l-wirt kulturali kbir tas-Sirja bħala parti ewlenija mill-wirt kulturali tad-dinja u bħala sors ta' soluzzjonijiet għal xi wħud mill-problemi tal-pajjiż; jirrikonoxxu l-Aramajk bħala lingwa ta' minoranza fil-periklu, peress li huwa mitkellem biss minn madwar 100 000 persuna fis-Sirja, filwaqt li fl-Ewropa dan in-numru jilħaq il-500 000 persuna;

(q) jikkundannaw bil-qawwa l-għadd kbir ta' vetoes mir-Russja kontra l-għoti ta' għajnuna lill-poplu fit-Tramuntana tas-Sirja, speċifikament il-veto tagħha dwar it-tiġdid tar-Riżoluzzjoni 2672 (2023) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, li b'hekk ma tippermettix estensjoni tal-aċċess umanitarju minn Bab al-Hawa; jiddenunzjaw għal darba oħra t-tentattivi tar-Russja li tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-"Elmi Bojod" (id-difiża ċivili Sirjana); jisħqu li l-Elmi Bojod għandhom rwol sinifikanti fis-salvataġġ taċ-ċivili Sirjani; ifaħħru l-ħidma tal-ġurnalisti, tal-bloggers u tal-individwi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet, bħall-Elmi Bojod, li, minkejja l-brutalità tar-reġim, ikomplu jwettqu l-ħidma tagħhom fil-pajjiż, jinfurmaw lill-komunità internazzjonali, jappoġġjaw lill-vittmi fil-prattika u jżommu l-enfasi tagħhom fuq il-futur tal-pajjiż; jinnotaw id-deċiżjoni tal-gvern li jkompli jagħti aċċess lill-aġenziji u lis-sħab umanitarji tan-NU permezz tal-kuritur ta' Bab al-Hawa sat-13 ta' Jannar 2024, u ta' Bab al-Salam u al-Rai sat-13 ta' Frar 2024; ifakkru lill-partijiet kollha responsabbli dwar il-ħtieġa assoluta li dawn l-aċċessi jinżammu miftuħa; iħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, b'mod parallel ma' azzjoni diplomatika robusta fil-livell tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, jiksbu l-operat kontinwu tal-punti ta' qsim tal-fruntieri ta' Bab al-Hawa, Bab al-Salaam u al-Rai, għal mill-inqas 12-il xahar; jesploraw il-possibbiltà li r-riżorsi jingħaddew ukoll permezz tal-"Fond ta' Għajnuna għat-Tramuntana tas-Sirja" li ġie stabbilit dan l-aħħar; jikkundannaw it-tentattivi sistematiċi mir-reġim Sirjan biex jiddevja l-għajnuna umanitarja internazzjonali u t-trasferiment tagħha lill-milizzji, u l-manipulazzjoni tar-reġim tar-rati tal-kambju sabiex jieħu l-maġġoranza tal-għajnuna maħsuba għat-territorji taħt il-kontroll tiegħu;

(r) ifakkru li s-Sirja ma tistax titqies, kompletament jew parzjalment, bħala pajjiż sikur għar-ritorn taċ-ċittadini Sirjani li jgħixu bħala rifuġjati u persuni li jfittxu l-ażil fl-Ewropa u madwar id-dinja, persuni li ħarbu mid-delitti tar-reġim u li jirriskjaw tortura u għajbien furzat jekk jirritornaw lejn is-Sirja; itennu lill-pajjiżi ospitanti, bħat-Turkija, il-Libanu, il-Ġordan, l-Iraq u l-Eġittu, li s-Sirja mhijiex pajjiż sikur, la kompletament u lanqas parzjalment, u li ċ-ċittadini Sirjani għalhekk ma jistgħux

jirritornaw b'mod sikur; jisħqu li kull ritorn irid ikun volontarju u b'kundizzjonijiet dinjitużi; jisħqu li xi Sirjani ħarbu minn organizzazzjonijiet terroristiċi li joperaw fis-Sirja bħall-ISIS; jisħqu li hemm żoni fis-Sirja fejn il-gruppi u l-milizzji vjolenti tal-ġiħadisti għadhom attivi; jenfasizzaw l-impatt tal-kunflitt Sirjan fuq l-438 000 rifuġjat Palestinjan stmati li jinsabu fil-pajjiż u li jiddependu primarjament mill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA) għall-ħtiġijiet bażiċi tagħhom; jesprimu tħassib fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Aġenzija u jappellaw biex ir-rifuġjati Palestinjani jiġu inklużi aħjar fil-pjanijiet umanitarji tal-UE fis-Sirja;

°

° °

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u biex tiġi tradotta u ppubblikata bl-Għarbi.

## NOTA SPJEGATTIVA

Minħabba li għal darba oħra l-attenzjoni kollha tinsab fuq il-Lvant Nofsani, is-Sirja għadha l-art ta' kunflitt minsi fiż-żona, minkejja nofs miljun persuna mejta u miljuni ta' rifuġjati. Id-dittatorjat imdemmi ta' Assad jibqa' jeżisti biss permezz tal-appoġġ tar-Russja u tal-Iran, u jservi bħala pedina fl-istrateġija ta' dawn tal-aħħar biex jiddestabbilizzaw ir-reġjun. Il-gruppi terroristiċi għadhom attivi. Ma jistax ikun hemm paċi mingħajr ġustizzja, ritorn tar-rifuġjati mingħajr soluzzjoni politika u normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tal-UE mad-Damasku mingħajr bidliet sinifikanti.

Tliet snin wara li l-Parlament adotta riżoluzzjoni fl-għaxar anniversarju tar-rivoluzzjoni Sirjana mrażżna b'mod vjolenti u l-kunflitt sussegwenti li għaddej, is-sitwazzjoni fil-pajjiż, sfortunatament, staġnat, jekk ma marritx għall-agħar. Is-Sirja ta' Bashar Al-Assad tinsab meqruda bl-armi u t-traffikar tad-droga, b'ħuh li qed jikkmanda l-unità tal-armata responsabbli għall-aġevolar tal-produzzjoni ta' Captagon. Ir-reġim ta' Al-Assad huwa personalment responsabbli għall-mewt ta' nofs miljun persuna ċivili, il-qerda tal-pajjiż, l-ispostament tal-maġġoranza tal-popolazzjoni u t-tortura u l-għajbien furzat ta' aktar minn 100 000 persuna. Dan sar ukoll aktar dipendenti mill-assistenza militari u finanzjarja mill-Iran u mir-Russja, li tat lok għal profitt mill-isfruttament tar-riżorsi naturali tal-pajjiż, għad-detriment tal-poplu Sirjan. L-ISIS u gruppi armati u terroristiċi oħra għadhom theddida serja.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jopponi kwalunkwe normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mar-reġim ta' Assad jekk ma jimplimentax kif xieraq ir-Riżoluzzjoni 2254 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluż billi jirrilaxxa priġunieri politiċi, jinforma lill-familji tal-vittmi dwar id-destin tal-persuni neqsin u tal-vittmi tal-għajbien furzat, u t-twaqqif tal-attakki u l-ostakli kollha għall-għajnuna umanitarja. Ir-rapport jisħaq li l-ġlieda kontra l-impunità fis-Sirja hija prerekwiżit għal kwalunkwe riżoluzzjoni futura tal-kriżi li għaddejja, kif ukoll ħtieġa morali u politika għall-Ewropa u għall-komunità internazzjonali. L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtiġilhom ikomplu jappoġġjaw tentattivi biex it-tmexxija tar-reġim Sirjan titressaq quddiem il-ġustizzja. Il-komunità internazzjonali jeħtiġilha wkoll iżżid b'mod urġenti l-assistenza umanitarja tagħha lill-15,3-il miljun Sirjan li jiddependu minnha fuq bażi ta' kuljum.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| PAX |
| 11.11.11 |
| Women Support Unit |
| Midad organisation |
| Euro-Syrian Democratic Forum |
| Brigitte Curmi, Ambassadrice de France pour la Syrie |
| Hélène Le Gal, Service européen pour l'action extérieure |
| Michel Duclos, Special Advisor and Resident Senior Fellow, Geopolitics and Diplomacy at Institut Montaigne |
| Kristina Kausch, Deputy Managing Director & Senior Fellow, GMF |
| Firas Kontar, French-Syrian human rights activist, political scientist and jurist |
| Manon-Nour Tannous, Doctor in International Relations, lecturer at the University of Reims Champagne Ardenne |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 13.2.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 45<br>–: 5<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alviina Alametsä, Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Krzysztof Brejza, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Michael Gahler, Kinga Gál, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Bernard Guetta, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Jaak Madison, Thierry Mariani, Pedro Marques, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Javier Nart, Gheorghe-Vlad Nistor, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Jordi Solé, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Dragoş Tudorache, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Bernhard Zimniok, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Christophe Grudler, Andrzej Halicki, Georgios Kyrtsos, Katrin Langensiepen, Christian Sagartz, Mick Wallace |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 46 | + |
|---|---|
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Krzysztof Brejza, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Andrzej Halicki, Sandra Kalniete, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Christian Sagartz, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko |
| Renew | Petras Auštrevičius, Fabio Massimo Castaldo, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Georgios Kyrtsos, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Dragoş Tudorache |
| S&D | Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Dietmar Köster, Pedro Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder |
| Verts/ALE | Alviina Alametsä, François Alfonsi, Katrin Langensiepen, Mounir Satouri, Jordi Solé, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz |

| 5 | - |
|---|---|
| ID | Thierry Mariani, Bernhard Zimniok |
| NI | Kostas Papadakis |
| The Left | Giorgos Georgiou, Mick Wallace |

| 5 | 0 |
|---|---|
| ECR | Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Charlie Weimers |
| ID | Jaak Madison |
| NI | Kinga Gál |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni